MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 489/2013

**Anthony Borg (ID-76647-M)**
**bhala amministratur ta'**
**Kristy Court Owners Association**

**vs**

**Michelle Debono**
**(ID-396170-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu talab lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhix tigi kkundannata thallas lill-attur bhala amministratur ta' Kristy Court Owners Association, l-ammont ta' seba' mija u disgha u sittin Euro (€769) rapprezentanti: (i) is-somma ta' €699 ta' tlett snin ta' kontribuzzjonijiet

ghas-snin 2011, 2012 u 2013 lil Kristy Court Owners Association; u (ii) l-ammont ta’ €70 ghall-hsara li twetqghet fl-istess blokka ta’ appartamenti.

Bl-ispejjez ta’ dan l-Avviz li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u disgha u sittin Euro (€769.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------